MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 47/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Silvio Bouvett**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Silvio Bouvett talli fi Triq Dun Salv Sciberras u fi bnadi ohra f'Haz-Zabbar, nhar-is Sibt 18 ta' Settembru 2004 ghall-habta ta' xis-sebgha nieqes kwart ta' filghaxija:

(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Alexandra Muscat minn Haz-Zabbar f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha skond ma ccertifika Dr. Anthony Xuereb M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, liema griehi huma ta' natura hafifa;

(2) bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt meta waddab fleixken tal-hgieg fid-direzzjoni tal-imsemmija Alexandra Muscat, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

(3) b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, heddidha bil-mewt;

(4) irrifjuta li jaghti lill-ufficjali tal-Pulizija waqt il-qadi ta’ dmirijietehom, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra;

(5) ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti;

(6) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

(7) m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita` jew ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, u b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom;

(8) waddab fliexken tal-hgieg u oggetti ohra ibsin fid-direzzjoxni ta’ l-imsemmija Alexandra Muscat;

(9) f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku nstab fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, jew f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien jidher car fis-sakra;

(10) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta l ima titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigatyi skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ l-ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

(11) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom

jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi ghall-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija Alexandra Muscat jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Jannar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, ma sabitx lill-imsemmi Silvio Bouvett hati tat-tielet, il-hames, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonmijiet u minnhom illiberatu, izda sabitu hati tat-tieni, tar-raba', tas-sitt, tas-seba', tat-tmin u tal-hdax-il imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 41, 339, 95 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta' Malta, ikkundannatu piena karcerarja ta' tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Silvio Bouvettipprezentat fil-11 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat il-procediment ezawrit fir-igward ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn illiberatu mit-tielet, mill-hames, mid-disa' u mill-ghaxar imputazzjonijiet, u tvarjaha fejn sabitu hati tat-tieni, tar-raba', tas-sitt, tas-seba', tat-tmin u tal-hdax-il imputazzjonijiet u kkundannatu ghal perijodu ta' tliet xhur prigunerija billi tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz tirriduci l-piena nflitta mill-ewwel Qorti u taghtih piena illi hija aktar moderata u addattata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Qabel ma bdiet it-trattazzjoni ta' l-appell din il-Qorti rrilevat lid-difensuri tal-partijiet illi wara li kienet ezaminat is-

sentenza appellata, sabet li l-ewwel Qorti kienet naqset milli tindika l-artikoli kollha tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati li taghhom sabet lill-appellant hati. Din hija kwistjoni li timpingi fuq il-validita` ta’ dik is-sentenza, u ghalhekk hija kwistjoni li tista’ titqajjem minn din il-Qorti *ex officio*.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali fil-fatt jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ddikjarat lill-appellant (allura imputat) hati tat-tieni, ir-raba’, is-sitt, is-seba’, it-tmin u l-hdax-il imputazzjonijiet u wara ghaddiet biex ticcita “l-artikoli 41, 339, 95 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta”. L-artikoli 95 u 339 huma artikoli li jikkontemplaw reati. L-artikolu 95 huwa rilevanti ghall-hdax-il imputazzjoni. Dwar l-artikolu 339 irid jinghad illi dan l-artikolu fih zewg subartikoli u l-ewwel subartikolu jikkontempla xejn anqas minn hmistax-il kontavvenzjoni differenti (mill-paragrafu (a) sal-paragrafu (o)). Minnhom kollha, paragrafu wiehed biss jidher li huwa rilevanti ghall-kaz u li japplika ghat-tmien imputazzjoni, il-paragrafu (b), u dan ma giex indikat mill-ewwel Qorti. Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra li taghhom l-ewwel Qorti sabet htija, dik il-Qorti ma ccitat <u>l-ebda</u> artikolu.

F’dawn ic-cirkostanzi s-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti nulla b’dan illi l-annullament tas-sentenza mhuwiex se jikkolpixxi d-dikjarazzjoni ta’ l-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni li l-procediment huwa ezawrit u lanqas l-imputazzjonijiet li minnhom huwa gie lliberat. A tenur ta’ l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess in kwantu jirrigwarda dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom l-appellant instab hati.

Permezz tat-tieni imputazzjoni l-appellant gie akkuzat b'tentattiv ta' delitt minghajr ma gie specifikat liema delitt. L-ewwel Qorti sabet il-htija minghajr ma qalet x'delitt ttenta jaghmel l-appellant. *In criminalibus* il-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tinforma lill-akkuzat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkuzat, dritt dan sancit mill-artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni. Imputazzjoni ma tistax tigi redatta b'mod vag u b'mod li jithalla ghall-immaginazzjoni biex jigi determinat x'delitt hu li suppost dwaru sar it-tentattiv. Ghalhekk minn din it-tieni imputazzjoni l-appellant se jigi liberat.

Kwantu ghar-raba', is-sitt, is-seba', it-tmin u l-hdax-il imputazzjonijiet, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti. Minn hemm jirrizulta illi dak li ta lok ghal dan il-kaz kien incident domestiku bejn l-appellant u t-tfajla tieghu Alexandra Muscat. Ix-xiehda tax-xhieda rilevanti ghal dawn il-hames imputazzjonijiet hija fil-qosor hekk:

**Alexandra Muscat** tghid li l-appellant taha daqqa ta' harta u pprova jtiha b'zokk ta' xkupa. Hi haditlu z-zokk u marret iccempel lill-Pulizija. Hi nizlet fit-tarag u l-apeplalnt waddab xi fliexken li ma laqtuhiex. Alexandra Muscat tghid li l-fliexken ma ntefghux in-naha taghha izda tahseb li ghaliha tefaghhom ghax hi biss kienet hemm. Meta waslu l-Pulizija, Muscat tghid li kienet barra filwaqt li l-appellant kien gewwa. Ma riedx johrog mid-dar u lill-Pulizija ma riedx itihom l-partikolaritajiet tieghu.

**P.S. 428 Carmel Debattista** xehed illi meta accedew fuq il-post, l-appellant ma riedx imur maghhom izda fl-ahhar mar. Beda jheddidhom li ser ipattihielhom u jtajjarna u mhux ser tieqaf hawn u ha jirrapporta lil Dott. Carm Mifsud Bonnici.

**P.C. 1603 Mario Muscat** xehed li meta marru fuq il-post sabu lil Alexandra Muscat barra fuq il-bankina mwerwra u qaltilhom li l-gharus taghha kien sawwatha u wadbilha xi fleixken. Telghu u sabu t-tarag kollu hgieg, fliexken

imkissrin. L-appellant beda jghajjat li hemm daru u jpattihielhom u jtajjarhom. Ippruvaw jikkalmawh izda ghalxejn. Lil Alexandra Muscat baghtuha taghmel certifikat. Tfacca huha izda hallewh barra. Baghtu ghall-iskwadra tal-mobile biex setghu jehduh l-ghassa. Ma riedx itihom il-partikolaritajiet tieghu. L-ghassa baqa' jghid li jpattihielhom u baqa' ma riedx itihom il-partikolaritajiet.

**P.S. 100 Terence Azzopardi** qal li fit-18 ta' Settembru 2004 kien stazzjonat l-ghassa Haz-Zabbar meta rcieva telefonata minghand Alexandra Muscat fis-sens li kienet qed tissawwat mill-gharus taghha. Marru fuq il-post membri ohra tal-Korp. Meta l-appellant ingab l-ghassa, beda jhedded lill-Pulizija, inkluz lix-xhud, li din mhix ser tieqaf hawn ghax imur ghand Dr. Carm.

**L-Ispettur Anthony Cassar** spjega dak kollu li rrizultalu minn dak li qalulu d-diversi xhieda. Huwa nterroga lill-appellant u esebixxa l-istqarrija li rrilaxxja.

Fl-istqarrija tieghu **l-appellant** cahad li sawwat lil Alexandra Muscat izda ammetta lid akinhar kellhom argument. Cahad li tefaghlha l-fleixken. Mal-Pulizija llitika sabiex jara ghaliex kienu marru ghalih. Mistoqso hux vera li lill-Pulizija heddidhom 'issa nqieghdkom lilkom', wiegeb li f'rabja seta' qalilhom hekk. Mistoqsi jekk kienx minnu li jtihom il-partikolaritajiet, wiegeb: "Skuzi, jekk inti gejt ghalija ghalfejn qed tistaqsini x'jisimni, jekk inti gejt ghal Silvio?"

Minn dan kollu, l-unika imputazzjoni li ma tirrizultax hija s-sitt imputazzjoni peress illi l-istorbju li kien qieghed jaghmel l-appellant kien gewwa d-dar tieghu. Dwar ir-raba' imputazzjoni, minbarra dak li qalu x-xhieda, hemm prattikament ammissjoni da parti ta' l-appellant stess fl-istqarrija tieghu. Dwar is-seba' imputazzjoni, tant l-appellant fixkel lill-Pulizija li accedew fuq il-post, li kellhom jissejhu tal-mobile biex jehduh l-ghassa. Kwantu ghat-tmin imputazzjoni, m'hemm l-ebda dubju li l-fliexken intefghu lejn fejn kienet telqet jew harget Alexandra Muscat, u ghalhekk fid-direzzjoni taghha. Fl-ahharnett, minn dak li

xehdu l-Pulizija, m'hemmx dubju li sar theddid fil-konfront taghhom mill-appellant.

Kwantu ghall-piena, m'hemmx dubju li in vista ta' dak kollu li ntqal din trid tigi ridimensjonata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u bla effett, salv in kwantu ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Silvio Bouvett hati tat-tielet, il-hames, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet u li minnhom illiberatu, u konsegwentement ghalhekk tikkonfermaha f'dawk il-partijiet, u wara li semghet il-provi u ghamlet il-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq riportati, issib lill-appellant mhux hati wkoll tat-tieni u tas-sitt imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, izda ssibu hati tar-raba', is-seba', it-tmin, u l-hdax-il imputazzjoni, u, wara li rat l-artikoli 338(g), 338(ee), 339(1)(b), 95(1)(2), tikkundannah sebat ijiem detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------